MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 78/2002/1

Rikors Nru: 78/2002

Emmanuel Farrugia, Joseph Farrugia, Mary Borg, Angela Farrugia, Josephine Camilleri, Grace Caruana u Doris Camilleri, Grace Caruana u Doris Camilleri f' isimha a nom u in rapprezentanza ta' l- assenti Josephine McDermott

-vs-

Joseph Schembri

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Emmanuel Farrugia, Joseph Farrugia, Mary Borg, Angela Farrugia, Josephine Camilleri, Grace Caruana u Doris Camilleri, Grace Caruana u Doris Camilleri f' isimha a nom u in rapprezentanza ta' l- assenti Josephine McDermott fejn jesponu b' rispett:

Illi l- esponenti krew bhala dar residenzjali lil missier l- intimat l- fond numru 28, Pjazza San Nicola, Siggiewi versu l- kera annwali ta' hames liri (Lm5.00) pagabbli kull sitt xhur bir- rata ta' zewg liri u nofs (Lm2.50);

Illi dawn l- ahhar xhur l- intimat mhux qed juza' tali fond ghall- skop lilha mikri, u dan billi ghandu r- residenza tieghu f' St. Nicholas, Farm House Fawwara, Siggiewi, b' hekk giet li biddlet id- destinazzjoni tal- fond lilha mikri, u dana jintitola lir- rikorrenti jitolbu r- ripresa tal- istess;

Ghaldaqstant ir- rikorrenti jitolbu bir- rispett kollu li dan l- Onorabbli Bord, jghogbu jawtorizzahom jirriprendu l- pussess tal- fond bin- numru 28, Pjazza San Nicola, Siggiewi, liema fond ghandu, bl- ispejjez kontra l- istess intimat.

Ra r- rispost ta' Joseph Schembri fejn jesponi b' rispett:

1. Illi t- talbiet tar- rikorrenti huma infondati fil- fatt u fid- dritt stante illi l- intimat ghadu juza l- fond 28, Pjazza San Nikola, Siggiewi bhala residenza ordinarja tieghu kif se jkun ippruvat waqt it- trattazjoni tal- kawza.

2. Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Ra l- verbal tal- 25 ta' mejju 2005.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ikkonsidra,

1. L- intimati ftit taw kaz ta' dawn il- proceduri u ma ressqu l- ebda provi.

2. Ir- rikorrenti Emmanuel Farrugia fix- xhieda teighu b' affidavit jghidu li l- fond kien mikri lill missier l- intiamt Carmelo Schembri u l- istess intimat Joseph Schembri kien joqghod mieghu. Wara l- mewt ta' Carmelo Schembri

il- fond “kien maghluq u m a kien joqghod fih hadd.” (fol 17)

3. Ir- rikorrent Joseph Farrugia jghid li jaf bhala fatt li l-intiamt Joseph Schembri ma kienx jghix ma’ missieru qabel mewtu. Isemmi r- Registru Elettorali u jghid ukoll li wara l- mewt tal- missier Schembri “ma nnegax li ma jghix hemmekk.” (fol 20) Darba gew ghandu Toni u Louis Schembri hut l- intimat biex ihallsu l- kera u Farrugia ma accettax. Hadd mir- rikorrenti ma rceva notifika mill- Qorti dwar xi depositu ta’ kera.

4. Mix- xhieda moghtija mir- rapprezentatn tar- Registru Elettorali u mid- dokumenti esebiti jirrizulta li f’ April 2000, Ottubru 2000, April 2001, Otturbru 2002, April 2003 jidher bhala li joqghod fil- fond ‘de quo’.

5. Missier l- intimat miet madwar Settembru 2001 jew bejn l- ahbar tas- sena 2001.

6. IL- Bord ikollu jghid li r- rikorenti setghu tmexxew hafna ahjar f’ dawn il- proceduri u ressqu provi ahjar ghax huma jridu jippruvaw. Min naha l- ohra l- intimat gie jaqa’ u jqum minn dawn il- proceduri. Il- Bord jistrieh fuq il- ftit xhieda tar- rikorrenti li jghidu li l- intimat rinfaccjat ma nnegax li ma jghix hawnhekk u qallhom biex ikellmu lil huh, li gew zewg hut ohra ta’ l- intimat biex ihallsu l- kera. L- intimat biddel ir- residenza ‘ufficjali’ tieghu wara l-mewt ta’ missieru.

Ghalhekk il- Bord jilqa’ t- talba tar- rikorrenti u jawtorizzhom jirriprendu pussess tal- fond 28, Pjazza San Nicola, Siggiewi. Ghall- ghan ta’ tkeccija jaghti xahar zmien m’ illum; l- ispejjez jithallsu mill- intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------